**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Frar 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 900/2023 JVC**

**Clarence Pace (I.D. Nru. 490376M) u Audrey Pace (I.D. Nru. 144280M) f'isimhom propja u għan-nom ta' binhom minuri Alex Andrew Eric James Pace (KI 504614L)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Clarence Pace et talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-minuri **Alex Andrew Eric James Pace ID Card: 504614L** twieled fit-2 t'Ottubru 2014 gewwa Middlesbrough, fir- Renju Unit;

2. Illi fit-twelid, l-isem tieghu kien Alex, u t-tieni isem kien Andrew Eric James Pace, izda bi zvista gie registrat b'isem wiehed shih, Alex Andrew Eric James, kif jirrizulta miccertifikat tat-twelid tieghu bil-lingwa Ingliza (Kopja annessa bhala '**Dok A'**)

3. Illi l-genituri, anke ghal ragunijiet ta' pratticita bhala cittadini Maltin, ghandhom interess u jixtiequ illi jsir tibdil fl-atti tat-twelid b'registrazzjoni fil-isem tal-minuru sabiex minn Alex Andrew Eric James Pace jinbidel ghal Alex Pace; filwaqt li bhala t-tieni isem ikollu Andrew Eric James;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni f'Malta tat-twelid l-esponent jigi notat illi ismu jinbidel ufficjalment minn 'Alex Andrew Eric James Pace' ghal 'Alex Pace' u t-tieni isem Andrew Eric James;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid tal-esponent f'Malta billi

jissostitwixxi l-isem 'Alex Andrew Eric James Pace' ghal 'Alex Pace' u t-tieni isem Andrew Eric James;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponent biex b'hekk lisem 'Alex Andrew Eric James Pace' jigi sostitwit bl-isem 'Alex Pace' u t-tieni isem Andrew Eric James.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament trid issir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament jingħad illi din il-kawża kellha tinfetaħ mill-ġenituri tal-minuri Alex Andrew Eric James Pace tenut kont tal-eta' tiegħu stante illi f'għajnejn il-liġi l-istess minuri għad m'għandux il-fakoltajiet mentali sabiex jiftaħ kawża ta' indoli ċivili. Jidher illi r-rikors ġie ġuramentat mill-istess ġenituri tal-minuri u għalhekk korrezzjoni tal-okkju ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun biżejjed sabiex jiġi sanat ir-rikors promotur li ssokta din l-azzjoni;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 5046/2014, anness u mmarkat **<u>Dok. DRP 1</u>**, l-attur twieled ġewwa r-Renju Unit nhar it-tnejn (2) t'Ottubru

2014 lil 'Clarence Leslie Pace' u 'Audrey Frances Pace nee' Curmi'. Tali registrazzjoni saret ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kap. 16) fejn id-Direttur tar-Registru Pubbliku kien obbligat jirreġistra l-partikolaritajiet indikati fl-Att tat-Twelid esteru (anness u mmarkat bħala Dok A mar-rikors promotur), nkluz isem il-minuri bħala 'Alex Andrew Eric James' *ad verbatim*.

5. Illi tali partikolaritajiet kif jirriżultaw fl-Att tat-Twelid f'Malta ġew ikonfermati fuq it-talba għar-reġistrazzjoni tat-twelid datata sebgħa (7) t'Ottubru 2014, kif ukoll fuq il-konferma bil-miktub tac-cittadinanza Maltija tal-minuri datata għaxra (10) ta' Ottubru 2014, vera kopji annessi u mmarkati **<u>Dok. DRP 2.</u>** Għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mid-Direttur tar-Registru Pubbliku meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

6. Illi jidher illi l-għan ta' dawn it-talbiet huwa sabiex il-minuri jkollu 'Alex' bħala l-isem uffiċjali u 'Andrew Eric James' bħala t-tieni isem, b'dana li uffiċjalment huwa jkollu ndikat biss l-isem 'Alex'. Għalhekk, jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss li t-talbiet huma ġustifikati, ai fini ta' kjarezza l-ewwel żewġ talbiet għandhom jiġu korretti fis-sens illi fl-ewwel lok, l-Att tat-Twelid, jiġi speċifikat bin-numru progressiv tiegħu 5046/2014, fit-tieni lok jiġi speċifikat illi taħt il-kolonna 'Ismijiet moghtija', ssir virgola (,) bejn l-isem 'Alex' u l-ismijiet l-oħra 'Andrew Eric James', u fit-tielet lok taħt il-kolonna 'Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom' minflok l-ismijiet 'Alex Andrew Eric James' jigi mniżżel biss l-isem 'Alex', u dana permezz t'annotazzjonijiet;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-Qorti tkun sodisfatta li dan kien verament żball min-naħa tal-ġenituri;

8. Illi speċifikament dwar **it-tielet talba**, jiġi rilevat illi l-esponent jagħmel biss annotazzjonijiet fuq Atti ta' Stat Ċivili reġistrati f'Malta u fil-poteri tal-istess Direttur. Sabiex it-tibdil fl-isem jiġi rifless f'Att Ċivili oħrajn dawn għandhom jiġu ndikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed jekk dejjem hemm in vista tal-eta' tenera tal-minuri;

9. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 15 tal-proċess b'dan li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat li turi illi effettivament fir-Renju Unit il-minuri kien reġistrat bl-ismijiet Alex Andrew Eric James Pace. Rat l-affidavits

tal-ġenituri esebiti fl-atti illi jikkonfermaw illi għalkemm il-minuri jidher li għandu aktar minn isem wieħed fiċ-ċertifikat tat-twelid esteru effettivament jikkonfermaw illi huwa magħruf biss bl-isem ta' Alex u mhux bl-ismijiet kollha. Rat ukoll id-dokumentazzjoni annessa mal-istess affidavits.

Illi mill-provi fl-atti l-Qorti hija sodisfatta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni f'Malta tat-twelid tal-minuri 'Alex Andrew Eric James Pace' jiġi notat illi ismu jinbidel uffiċjalment minn 'Alex Andrew Eric James Pace' għal 'Alex Pace' u t-tieni isem jiġi ndikat bħala Andrew Eric James u dan fl-att tat-twelid bin-numru 5046/2014;

3. Tilqa' it-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid imsemmi f'Malta billi jissostitwixxi l-isem 'Alex Andrew Eric James Pace' ghal 'Alex Pace' u t-tieni isem 'Andrew Eric James';

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar 2024**